



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9481/1/24
REV 1
PV CONS 20
AGRI 387
PECHE 168

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
29 ta' April 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 9060/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġiżlattiva 9061/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness u kif ukoll fl-Addendum.

(b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9062/24

Agrikoltura

1. **Direttiva li temenda diversi Direttivi dwar il-Kolazzjon**  8836/24
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 25/24
approvat mill-KSA fit-22.04.2024 AGRI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Suq Intern u Industrija

2. **Direttiva dwar il-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għal ċerti setturi u għal ċerti impriżi ta' pajjiżi terzi**  8828/24
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 28/24
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26.04.2024 DRS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-Unġerija tasejni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 50(1) TFUE).

Telekomunikazzjoni

3. Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26.04.2024



9077/24

PE-CONS 55/24

TELECOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

4. Regolament li jemenda r-Regolament Interim (UE) 2021/1232 dwar l-abbuż sesswali tat-tfal

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.04.2024



8880/24

PE-CONS 52/24

JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 16(2) u 114(1) TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

5. Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26.04.2024



8967/24 + ADD 1

PE-CONS 51/24

ECOFIN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bil-Belġju jastejni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 121(6) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

6. Regolament dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv

Adozzjoni

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26.04.2024



8687/24

6919/24

ECOFIN

Il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti kif jinsab fid-dokument 6919/24 (bażi legali: l-Artikolu 126(14), it-tieni subparagrafu TFUE).

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Risponsi rapidi u strutturali għas-sitwazzjoni ta' kriżi attwali fis-settur agrikolu: segwitu għall-pjanijiet direzzjonali
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet 9197/24
4. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet 9285/24
5. Rapporti annwali dwar il-prestazzjoni skont il-PAK
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet 9087/24

Affarijiet oħra

6. Agrikoltura

- a) Żieda fl-ghajjnuna de minimis fis-setturi tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura 9320/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża, f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Franċiża, Ġermaniża, Kroata, Latvjana, Lussemburgiża, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakkja, Slovena u Ungeriża
- b) **Il-bijoekonomija għandha tkun fil-qalba tal-programm ta' ħidma li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea**  9098/1/24 REV 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża, f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Finlandiża, Slovena u dik Żvediża, appoġġati mid-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Estonjana, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakkja, Taljana, u Ungeriża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Finlandja, f'isem l-Awstrija, il-Finlandja, is-Slovenja u l-Iżvezja, appoġġata mill-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija, dwar ir-rwol tal-bijoekonomija sostenibbli tal-foresti. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet oħra dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

Sajd

- c) **Problemi bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd fir-rigward tal-marġni ta' tolleranza permess fis-sajd pelaġiku** 9251/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana u dik Litwana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja u l-Litwanja dwar problemi bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd għall-marġni permess ta' tolleranza (MOT) fis-sajd pelaġiku, kif ukoll tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet oħra u l-Kummissjoni.

-
- 1 L-ewwel qari
 - C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
 - S Proċedura leġislattiva speċjali
 - 2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 9061/24

Dwar il-punt "A" **Korp Interistituzzjonali tal-Etika**
nru 12: *Approvazzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"1. Il-proċeduri interni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tar-rappreżentant tal-Kunsill fil-Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi, kif ukoll il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu espressi minnu/minnha, ser jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa u kostruttiva tal-Kunsill fl-eżerċizzju tal-kompiti tal-Korp, filwaqt li jitqies kif xieraq il-fatt li r-rappreżentanti ta' kull Stat Membru fil-livell ministerjali li jistgħu jimpennjaw lill-gvern tagħhom u jifgħu l-vot tiegħu, huma marbuta biss bir-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom dwar l-imġiba etika u mhux bl-istandards etiċi li ser jiġu żviluppati mill-Korp.

2. Il-Kunsill ser jiġi rrapreżentat fil-Korp mill-Presidenza tal-Kunsill. Ir-rappreżentant supplenti ser ikun, f'konformità mal-Artikolu 20(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill¹, rappreżentant tal-Istat Membru li ser jippresiedi l-Presidenza li jmiss.

3. Ir-rappreżentant tal-Kunsill u r-rappreżentant supplenti tiegħu fil-Korp ser ikunu assistiti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill."

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi ("il-Korp"), li għandu jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kultura komuni ta' etika u trasparenza, b'mod partikolari billi jiżviluppa standards minimi komuni għall-imġiba tal-membri tal-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 TUE u billi jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-kwistjoni.

Skont l-Artikolu 16(2) TUE, il-Kunsill jikkonsisti minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru fil-livell ministerjali, li jistgħu jorbtu lill-gvern tagħhom u jifgħu l-vot tiegħu. Dawn ir-rappreżentanti huma soġġetti għar-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom dwar l-imġiba etika, inkluż meta jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-Presidenza tal-Kunsill, u għalhekk ma jistgħux ikunu soġġetti għall-istandards etiċi li għandhom jiġu żviluppati mill-Korp.

¹ L-Artikolu 20(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill jaqra kif ġej: *"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(4) sa (6) u għas-setgħat tagħha u għar-responsabbiltà politika ġenerali tagħha, il-Presidenza ta' kull sitt xhur għandha tkun assistita fir-responsabbiltajiet tagħha kollha, abbażi tal-programm ta' 18-il xahar jew skont arranġamenti oħra miftiehma bejniethom, mill-membri l-oħra tal-gruppi stabbiliti minn qabel ta' tliet Stati Membri msemmija fl-Artikolu 1(4). Din għandha tkun assistita wkoll, skont il-każ, mir-rappreżentant tal-Istat Membru li ser jippresjedi l-presidenza li jmiss. Fuq it-talba tal-Presidenza u filwaqt li jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha, dan tal-aħħar, jew membru tal-grupp imsemmi, għandu jissostitwiha kif u meta meħtieġ, għandu jieħu min idejha, fejn meħtieġ, ċerti kompiti u għandu jiżgura l-kontinwità tal-proċedimenti tal-Kunsill."*

Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, minqas fl-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill jissottolinja li ċ-ċittadini tal-Unjoni jridu jkollhom fiduċja li kwalunkwe persuna li teżerċita mandat f'istituzzjoni jew korp konsultattiv tal-Unjoni tkun marbuta b'regoli robusti dwar l-imġiba etika, fil-funzjonijiet kollha tagħha tal-Unjoni Ewropea. Għal dan l-għan, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, inkluż fil-funzjoni tiegħu/tagħha bħala President tal-Kunsill Affarijiet Barranin, huwa elenkat fost il-membri tal-partijiet kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim.

F'dan l-isfond, il-Kunsill huwa impenjat li jipparteċipa bis-siġħ fid-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Korp u li jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għat-tfassil ta' standards minimi komuni, b'kont debitu meħud tal-ispeċifikitajiet tal-Kunsill u r-restrizzjonijiet legali li jirriżultaw mit-Trattati. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-proċeduri interni tiegħu ser jiżguraw ir-rappreżentanza u l-parteeipazzjoni adegwata tal-Kunsill fil-Korp."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9062/24

<u>Dwar il-punt "A"</u> <u>nru 5:</u>	Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali <i>Adozzjoni tal-att leġislattiv</i>
--	---

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

- "1. Matul id-diversi stadji tan-negozjati dwar ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika, l-awtoritajiet Belġjani ma setgħux jaslu għal pożizzjoni nazzjonali.
2. Minkejja n-nuqqas ta' pożizzjoni nazzjonali, il-Belġju qeda r-rwol tiegħu b'mod kostruttiv bħala President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
3. Qabel l-adozzjoni finali tal-atti leġislattivi, l-awtoritajiet Belġjani reġgħu kkonsultaw lil xulxin. Minn din il-konsultazzjoni jirriżulta li l-Belġju, fin-nuqqas ta' pożizzjoni finali, la ser japprova u lanqas ser jopponi l-adozzjoni tal-pakkett leġislattiv."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tieħu nota tal-ftehim bejn il-Presidenza u l-Parlament Ewropew rigward it-test tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (2023/0138 (COD)).

Madankollu, aħna nqisu li r-referenza għall-"Qafas ta' Konverġenza Soċjali" kif stipulat fil-Premessa 8, kif ukoll ir-referenza għal "qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali" kif stipulat fl-Artikolu 3, il-Paragrafu 3(b) mhumex ġustifikati legalment. Jidher evidenti li l-formulazzjoni tat-test ewlieni tirreferi għall-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, li attwalment mhuwiex għodda analitika approvata u ma għandu l-ebda sfond legali. Kwalunkwe referenza għalih f'Regolament tippreġudika b'mod mhux xieraq id-deċiżjonijiet futuri tal-Kunsill."